MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 921/2010

**Michael Attard Limited (C-32362)**

**Vs**

**Mark Pace u Carmen Pace Magro**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf tas-socjeta` attrici li biha, ppremettiet:

Illi l-konvenuti kienu accettaw u iffirmaw a favur tas-socjeta` attrici diversi kambjali;

Illi l-konvenuti jinsabu debituri lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' mitejn sitta u disghin elf u tlieta u disghin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€ 296093.45)

rappresentanti bilanc ta’ import ta’ sitt mija u sitta u ghoxrin (626) kambjala skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenuti;

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu pero’ dawn baqghu inadempjenti;

Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta’ dan id-debitu;

Talab illi din il-Qorti:

Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn sitta u disghin elf u tlieta u disghin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€ 296093.45) rappresentanti bilanc ta’ import ta’ sitt mija u sitta u ghoxrin (626) kambjala skaduti, accettati u firmati mill-konvenuti, bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju presentati kontestwalment u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 643/2010 kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Illi l-konvenuti ammettew it-talba wara illi l-qorti fissrithielhom;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fir-rikors mahluf tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------